**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru 465/2021 LC

**Alfred Bajada (K.I. 221637M)**
**Mary Therese sive Marthese mart Carmel Borg (K.I. 0840447M)**
**Carmel mart Maurice Busuttil (K.I. 0319535M)**
**Winston Azzopardi (K.I. 0416662M)**
**Lorraine mart David Theuma (K.I. 496362M)**
**Nadine mart Anthony Abela (K.I. 274354M)**
**Joseph Azzopardi (K.I. 647032M)**
**Joseph Martin Bajada (K.I. 0155254M)**
**John Bajada (K.I. 623459M)**
**Marino Bajda (K.I. 70665M)**

**VS**

**MARY ROSE PORTELLI (K.I. 736729M)**

Illum, 20 ta' Marzu 2023

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Alfred Bajada et fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talab lil dan il-Bord sabiex:

i. Jawmenta l-kera sa 2% fil-valur tal-istess fond b'effett mill-iskadenza tal-1 ta' Jannnar 2022.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li minn issa huma nġunt għas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar tal-5 ta' Ottubru 2021 fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi jridu japprovaw t-titolu tagħhom u li huma waħedhom huma s-sidien uniċi tal-fond; (ii) il-Bord għandu jikkostata jekk l-Att XXIV għandux jiġi applikat għal dan il-każ (iii) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; u (iv) f'każ li l-inkwilini jissodisfaw it-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skond il-liġi.

Ra r-risposta tal-intimata Mary Rose Portelli datata l-14 ta' Ottubru 2021 fejn sommarjament, eċċepiet li:

1. Illi r-rikorrenti u/jew l-antekawża tagħhom dejjem irrikonoxxew it-titolu validu ta' kera tal-eċċipjenti, u dejjem aċċettaw il-ħlas tal-kera tul is-snin bil-kundizzjonijiet kif viġenti, inkluż għalhekk l-ammont ta' kera dovut. Da parte tagħha l-eċċipjenti ilha għexieren ta' snin tokkupaw il-fond *de quo agitur* bħala r-residenza ordinarja tagħhom taħt titolu validu ta' kera, b'dan li l-kera dejjem tħallset puntwalment u regolarment, inkluż fiż-żidiet fil-kera a tenur tal-Artikolu 1531C tal-Kodiċi Ċivili.

2. Illi għalhekk, ġaladarba r-rikorrenti altru milli rrikonoxxew lill-eċċipjenti bħala detentriċi ta' titolu validu ta' kera skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, u da indipendentement mill-provvedimenti tal- Artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta'

Malta kif emendat bl-Att XXIII tal-1979, ir-rikorrenti m'għandhom assolutament ebda dritt li jitolbu r-reviżjoni tal-kera iżda għandhom id-dritt li jkomplu jitolbu l-awmenti tal-kera skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1531C tal-Kodiċi Ċivili kif diġà għamlu u kif diġà effetivament sar.

3. Illi f'kull każ u assolutament mingħajr ebda preġudizzju għall-eċċezzjonijet hawn fuq premessi, l-eċċipjenti tisħaq li hija tissodisfa l-kriterji tat-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar ir-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi maħruġa taħt l-Artikolu 1531F u 1622A tal-Kodiċi Ċivili) kif bażat fuq id-dħul tagħha fil-perjodu relattiv. Di fatti r-rispondenti hija mara anzjana li tgħix biss bil-pensjoni.

- Illi għalhekk kemm-il darba dan l-Onorabbli Bord jgħaddi biex jistabbilixxi l-kirja pagabbli f''ammont għola minn dak imħallas fil-preżent, il-Bord għandu jagħmel dan biss wara li jqis il-mezzi u l-eta' tal-eċċipjenti, b'dan li għandu fil-każ in speċie jieħu in konsiderazzjoni l-eta avvanzata tal-eċċipjenti u l-fatt li l-unika mezz ta' introjtu hija l-pensjoni tal-età;

- Illi di piu kemm-il darba dan l-Onorabbli Bord jgħaddi biex jistabbilixxi l-kirja pagabbli, il-Bord għandu jagħmel dan biss wara li jqis ukoll li l-eċċipjenti għamlet benefikati estensivi fil-fond lokat, u b'dan li m'għandux jinħoloq piż sproporzjonat għall-eċċipjenti anki tenut kont tal-mezzi li għandhom ir-rikorrenti;

- Illi fl-aħħar u kemm-il darba dan l-Onorabbli Bord jgħaddi biex jistabbilixxi l-kirja pagabbli skond it-talbiet attriċi, dan

l-Onorabbli Bord għandu jordna li kwalunkwe żieda fil-kera għandha tkun waħda gradwali u f'ammont li ma jirrispekkjax ir-rata massima ta' 2% stabillita mil-Liġi iżda f'rata anqas – hekk kif huwa fid-diskrezzjoni tal-Bord li jordna.

4. Illi f'kull każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti jeħtieġilhom li jipprovaw bi provi tajbin u idoneju in virtù tal-Art. 558, 559 u 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dak preċiż minnhom in sostenn tat-talbiet minnhom imressqa, inkluż it-titolu minnhom vantat.

5. Illi assolutament mingħajr ebda preġudizzju għall-eċċezzjonijiet hawn duq premessi, kwalsiasi pretensjoni għall-iżgumbament tal-eċċipjenti għandha tiġi kompletament miċħuda għaliex fir-realta' l-eċċipjenti, li tgħix biss b'pensjoni żgħira u altru milli tissodisfa t-test tal-mezzi.

6. Ili fl-aħħar u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-eċċipjenti tisħaq li m'għandha tiġi allokata b'ebda spejjeż legali u ġudizzjarji relattivi għal dawn il-proċeduri stante li r-rikorrenti naqset li tinterpella lill-eċċipjenti skond il-liġi qabel ma pproċedew bl-azzjoni odjerna.

7. Salv eċċezzjonijiet bil-Liġi.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni, u b'riserva għal kull azzjoni spettanti lill-eċċipjenti skond il-Liġi.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tad-9 ta' Settembru 2021 fejn l-intimat wettqu it-test tal-mezzi ai termini tar-

Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, il-Perit Diane Marie Psaila u l-Perit Mark Camilleri, senjatament ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakultà lis-sid tal-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidra;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimata hijiex l-inkwilina ta' dan l-istess fond.

Illi skond ma jirriżulta mill-affidavit tar-rikorrenti Alfred Bajada, huwa l-propjetarju tal-fond numru 40, Sawmill Street, Msida. Dan il-fond kien donat lilu mingħand missieru permezz tal-att ta' donazzjoni ppublikat min-Nutar Dottor Victor John Bisazza fid-9 ta' Ġunju 1983. Oriġinarjament, il-fond kien mikri lir-raġel ta' intimata, senjatament Aldo Portelli, iżda wara li ġie nieqes il-kera għaddiet għal fuq l-intimata, stante li hija l-mara tal-imsemmi Aldo Portelli.

Illi da parti tagħha, l-intimata tgħid fl-affidavit[1] tagħha illi ilha tirrisjedi f'dan il-fond sa mill-1944. Tgħid li fiħ rabbiet il-famlija tagħha. Tgħid li għamlet spejjeż kbar fil-post biex tirranġaħ għall-bżonnijiet tagħha u tal-familja tagħha. Tgħid li hi dejjem ħallset il-kera u anke meta għoliet skond il-liġi u s-sidien dejjem aċċettaw il-kera mingħandha.

Illi fid-dawl tal-fatt li ma ressqet ebda prova li tikkontradiċi id-dikjarazzjonijiet magħmulha mill-partijiet,il-Bord huwa sodisfatt li għall-finijiet biss ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti huwa s-sid tal-kera tal-fond de quo filwaqt li l-intimat hija l-inkwilina tal-istess fond.

Ikkonsidrat;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimata Mary Rose Portelli kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), ma jaqbiżx dak stipolat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimata, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li lanqas dan ma jaqbeż dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimata Mary Rose Portelli **ma teċċedix** il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement **tissodisfa** l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A(5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A(4) tal-istess Kap.

[1] Ippreżentat bħala parti mid-dokumentazzjoni tat-test tal-mezzi.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti f'appartament li jinsab fl-ewwel sular aċċessibbli minn taraġ intern mingħajr lift.

Illi l-periti tal-Bord, wara li kkunsidraw il-fatturi kollha imsemmija fir-rapport tagħhom, huma tal-fehma li l-valur tas-suq ta' propjetajiet komparabbli, wara li kkunsidraw l-istat ta' manutensjoni, finituri kif ukoll il-kondizzjoni ġenerali tal-fond, huma tal-fehma li l-valur preżenti tas-suq, liberu u frank jammonta għal mija u sebgħin elf Ewro (€170,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb , fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimat u tal-età tiegħu, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu

jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond de quo.

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' tlett elef u erba' mitt ewro (€3,400) fis-sena.

Deċide:

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jiddikjara illi l-kera tal-fond 4, Bajada Buildings, Nru. 40, Sawmill Street, Msida għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar 2021 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli għal-ammont ta' tlett elef u erba' mitt ewro (€3,400) fi-sena u jordna lill-intimata Mary Rose Portelli tibda' jħallas lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata b'effett mid-data tal-lum bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta' erbgħa (4) skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena.

Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbgħati l-ispejjez tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**